MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru 1093/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**STEPHEN MALLIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN MALLIA** ta' tlieta w erbghin sena bin Joseph u Rita nee Sacco, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Gunju 1972 u joqghod Block 7, Door 7, 'Zlinter', Triq Patri Serafin Zarb, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 253372M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju 2006, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula

b'risoluzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Salvatore Abela, fl-atti li bihom ikkorrompa diversi ezaminaturi tas-sewqan impjegati mal-Awtorita dwar t-Trasport ta' Malta [ADT];

2. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, weighed, ta, jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil diversi persuni li jasserixxi jew jikkonferma li kien kapaci jaghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ezaminaturi tas-sewqan impjegati mal-Awtorita dwar t-Trasport ta' Malta [ADT] sabiex igieghel lil dawn l-ezaminaturi tas-sewqan jezercitaw dik l-influwenza;

3. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, rcieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu l-ezaminaturi tas-sewqan impjegati mal-Awtorita dwar t-Trasport ta' Malta [ADT]

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tletinta' Mejju 2006.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta' Novembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, li kienet wahda voluntarja, spontaneja w inkondizzjonata, l-Qorti

tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha kif stqarret l-istess Prosekuzzjoni seduta stante u kif sahansitra jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tletin ta’ Mejju 2006 a tempo vergine tal-investigazzjoni, li hija esibita fl-atti processwali bhala dokument CSH 2;

4. Dak verbalizzat mill-imputat seduta stante u cioe li huwa kien lest li jixhed fil-konfront tal-awtur ta’ dan r-reat kif u meta jigi hekk mitlub mill-Ufficjal Prosekutur;

5. Il-fatt li l-imputat ghadda kull sold li gabar bhala rizultat ta’ dan r-reat lil awtur Salvatore Abela u li ghalhekk *per se*, huwa ma bbenefika xejn minn dak li ghamel.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 42(d), 121A(1)(2) u 115(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lill-imputat STEPHEN MALLIA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sitt [6] xhur sospizi ghal sentejn [2] bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Il-Qorti spjegat l-import ta’ din s-sentenza lil imputat u x’jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat minn naha tieghu, ddikjara li fehem bejn tajjeb.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------